**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

**Sentenza**

Mogħtija illum, 26 ta' April 2024

Każ Nru 62/2022

**Il-Pulizija**
(Supt Bernard Charles Spiteri)

Vs

Albert Xiberras
(K.I. 15172G)

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra Albert Xiberras ta' 50 sena, iben Franġisku u Theresa nee' Theuma imwieled Rabat, Għawdex, nhar it-23 ta' Ġunju 1972, u joqgħod 'Tan-Nanniet', Triq ta' Bertrija Xagħra, Għawdex, detentur tal-Karta tal-Identità 15172G u akkużat talli nhar il-3 ta' Awwissu 2022, u fil-ġranent ġimgħat, ix-xhur u s-snin ta' qabel ġewwa ir-residenza 'Tan-Nanniet', triq ta' Bertrija, Xagħra Għawdex u/jew fi dawn il-Gżejjer;

1. Ġiegħlet annimal jsofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn jew soggettajt l-istess- annimal għal attivitajiet li ma kienux fin-natura tiegħu u dan bi ksur tal-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamilt intervent kirurġiku għal raġunijiet ta' tibdil tal-apparenza tal-annimali, ħlief għal raġunijiet ta'

kura, sakemm mhux preskritt xort'oħra f'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att u dan bi ksur tal- artikoli 9(1) tal-Kapitolu 439.

3. U aktar talli fl-istess dara, ħin, lok u ċirkostanzi billi nqast mill-obbligu tiegħek li la int ma' għandek u lanqas ma' għandek tħalli persuna oħra torbot, qfilt, jew restrinġejt b'katina kelb, jew tikkaważajt li kelb jintrabat, jinqafel jew jintrabat b'katina, marbuta ma' kwalunkwe oġġett wieqaf bħala mezz permanenti ta' żamma tal-kelb jew bħala mezz primarju ta' żamma ta' kelb u dan bi ksur tal-artikolu 3(1) tal-A.L. 318 tal-2018.

Il-Qorti hija ġentilment wkoll mitluba, sabiex fi każ ta' sejbien ta' ħtija fuq moħqrija fuq l-annimali, l-imputat għandu jkun projbit milli jkollhu kelb jew milli tapplika għal xi liċenzja oħra ta' kelb għal dak iż-żmien li jista' jiġi stabbilit mill-qorti u dan skont subregolament 5(9) tal-L.S. 437.101.

Rat il-provi;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat;

Illi r-rappreżentanti tal-Uffiċju tal-Ħarsien tal-Annimali xehdu illi fis-17 ta' Mejju 2021 l-uffiċju kien irċieva rapport li kien hemm kelb qed jinżamm f'kondizzjonijiet mhux tajbin ġewwa bitħa fi Triq ix-Xagħra, Marsalforn. Fl-24 ta' Ġunju 2021 l-uffiċjali mid-dipartiment wettqu spezzjoni fuq il-post u hemmhekk sabu kelb tat-tip boxer/pitbull imħallat li kien kien qed jinżamm marbut b'katina ħoxna, kellu widnejh maqtugħin u fil-bitħa fejn kien hemm ammont hemm ħġieġ imxerred ma l-art b'mod li l-kelb seta' jweġġa'. Huma għamlu kuntatt ma l-akkużat *qua* sid il-bitħa u mar fuq il-post. Hu spjegalhom li l-kelb kien sabu b'widnejh diġà maqtugħin. L-uffiċjali reġgħu għamlu spezzjoni fit-3 ta' Awwissu 2021 u allegatament sabu l-kelb fl-istess sitwazzjoni. B'hekk il-kelb ittieħed minn fuq il-post mill-uffiċjali tal-Animal Welfare.

Illi l-akkużat xehed illi l-kelb kien sabu ħdejn il-bitħa tiegħu darba madwar tmien snin ilu. Qal li l-kelb diġà kellu widnejh maqtugħin. Qal li l-kelb iżommu fil-bitħa għall-għassa. Qal li l-ewwel darba li ċemplulu hu mar fuq il-post, daħal fil-bitħa, rabat il-kelb imbagħad daħlu l-uffiċjali warajħ. Qal li għandu kamra żgħira fejn jistkenn il-kelb u li anke tilqgħalu mill-elementi.  Qal li l-munzell tal-ħġieġ huwa magħluq biż-żingu u bil-pellets. Qal li dakinhar tat-tieni spezzjoni hu ma kienx fil-bitħa iżda l-kelb ħaduhulu għax sabuħ marbut. Qal li dakinhar kien hemm impjegat tiegħu fil-bitħa u kellu l-grada miftuħa, u rabtu biex ma jaħrabx. Qal li l-ħaddiem tiegħu kien qed ikisser il-ħġieġ dakinhar tat-tieni spezzjoni u ma jafx jekk neħħiex il-pellets u ż-żingu biex ikun jista' jaħdem. Qal li l-kelb ingħatalu lura però ġie ordnat li jsewwieħ fi żmien ġimgħa.

Illi l-impjegat tal-akkużat xehed illi l-kelb kien jinżamm fil-bitħa tal-akkużat li kellha l-grada tal-ħadid li ma tistax tara minnha jekk din tkun magħluqa. Qal li l-kelb kien jinżamm fil-bitħa liberu però kien jintrabat bil-katina meta kienu jdaħħlu jew joħorġu xi xogħol mill-bitħa, kwistjoni ta' ftit minuti, biex ma jaħrabx. Qal li kien hemm kamra żgħira fejn il-kelb kien jistkenn.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi prodotti kif ukoll mir-ritratti prodotti jirriżulta illi l-kelb *de quo* huwa propjetà tal-akkużat u jinżamm ġewwa bitħa li huwa għandu fi Triq ix-Xagħra, Marsalforn. F'din il-bitħa l-akkużat iżomm l-inġenji tiegħu kif ukoll iwettaq ix-xogħol tiegħu, fosthom billi jkisser il-ħġieġ għall-finijiet li jagħmel ir-ramel. Illi jirriżulta mix-xhieda tal-akkużat li l-ewwel darba li marru l-uffiċjali mill-Uffiċju tal-Ħarsien tal-Annimali fuq il-post, ċemplu lil-akkużat li mar jiftaħ, rabat il-kelb u imbagħad daħlu jagħmlu l-ispezzjoni tagħhom. Meta marru t-tieni darba jirriżulta illi l-kanċell kien miftuħ għax kien hemm l-impjegat tal-akkużat jaħdem u l-kelb kien marbut biċ-ċinga. L-impjegat tal-akkużat xehed illi normalment il-kelb ikun liberu jiġri 'l hawn u 'l hemm iżda jintrabat kull meta l-kanċell ikun miftuħ, biex ma jaħrabx.

Jirriżulta wkoll li l-akkużat għandu kamra fejn fiha jista' liberament jidħol jew joħroġ il-kelb, liema kamra tidher kemm fir-ritratti ppreżentati mill-akkużat kif

ukoll f'dawk preżentati mill-uffiċjali tal-Uffiċju tal-Ħarsien tal-Annimali fix-xhieda tagħhom. Di più, l-istess impjegat xehed li din il-kamra hija miftuħa u li l-kelb jista' jidħol u joħroġ minnha kemm il-darba jrid.

Illi l-uffiċjal Joseph Cassar xehed illi l-kelb kellu body score tajjeb u li bħala fiżiku kien tajjeb. Filfatt ġew preżentati sett ta' ritratti li kollha juru lil-kelb fi stat tajjeb ta' saħħa.

Illi dwar widnejn il-kelb, għalkemm il-fatt li huwa maqtugħin m'huwiex kontestat, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li kien l-akkużat li qatgħalu widnejħ. L-akkużat isostni li meta sab il-kelb, widnejħ kienu diġà maqtugħin u li ma kienx hu li qatagħhomlu. Kien jispetta lill-prosekuzzjoni li tressaq tali prova li l-akkużat effettivament qatgħalu widnejħ.

B'hekk, fil-fehma tal-Qorti, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-akkużi dedotti kontra l-akkużat.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti, qed issib lil Albert Xiberras **<u>mhux ħati</u>** tal-akkużi dedotti kontra tiegħu u qed tilliberaħ minn kull ħtija u piena.

**Dr Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**